MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2002

Numru 636/2002

**Pulizija**
**Spettur Yvette Farrugia**

**Vs**

**Raymond Mifsud**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Raymond Mifsud ta' 35 sena, iben George u Katie mitwielda Mercieca, mwieled Hal Qormi fid-19 ta' Dicembru 1966 u

joqghod 12, Mizzi, Flt. 2, Triq Guze Ellul Mercer Qormi, karta ta’ l-Identita numru 18667 (M);

Talli f’dawn il-Gzejjer, fit-tmintax ta’ Gunju 2002, ghall-habta tal-hdax u nofs ta’ filghodu, fil-carpark ta’ fejn il-canteen tal-fabbrika tal-Bortex gewwa Marsa Industrial Estate, volontarjment hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ a detriment ta’ Alex Formosa liema hsara teccedi l-hamsin lira maltin ai termini tal-artikolu 325(b) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli, fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi, hebb ghal Alex Formosa u kkagunaglu feriti ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr. A. Fiorini MD tac-Centru tas-sahha tal-Furjana;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanxi insulenta u hedded lil Alex Formosa;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-paci pubblika u l-buon ordni b’ghajjat, storbju, glied jew mod iehor;

Wara illi rat l-Artikoli 325(b), 221(1), 339(e) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssibu hati ta’ kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti filwaqt li ssibu hati, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin mil-lum, a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll qeghda, a tenur tal-Artikolu 5 tapponta lill-Probation Officer Marietta Lanzon, sabiex tirrapporta lil din il-Qorti, kull sitt xhur, ghal tlett (3) snin, dwar l-imgieba ta' l-imputat.

Din il-Qorti qeghda wkoll tordna lill-imputat sabiex fiz-zmien gimgha mil-lum, huwa jhallas is-somma ta' sitta u tmenin lira maltin (Lm86) lil Dr. Herrera, sabiex jghaddihom lil Dr. Noel Camilleri, a saldu tal-hsarat ikkagunati minnu lis-Sur Formosa, u tobbligah sabiex ma jkellemx lis-Sur Formosa u membri tal-familja tieghu.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------